# Postscriptum

Nadia Mifsud

dakinhar li ngħib
ejja fittixni fejn l-irdumijiet jinżlu għarkupptejhom
iqimu n-nir
erġa' sibni tifla tteftef fit-tafal
iżżiegħel bil-baħar
ismagħha titimgħu ħrafa mbagħad oħra
twebblu bi sħaħar u sfafar u suffarelli
araha ddewqu ftit mis-sigrieti
li fdawlha n-nisa ta' qabilha
tiggustah, lil dan l-antenat ikkalzrat,
rasu mserrħa f'ħoġorha, hi u ttarraflu
l-ibgħad irkejjen, l-idjeq sqaqien,
l-ogħla turġien

dakinhar li ngħib
jekk tiġi tfittixni fejn l-irdumijiet jinżlu jitħabb(l)u mal-imwieġ
ħallih 'l dal-baħar jimlielek imnifsejk b'leħni
tlumux, tistkerrhux, tisħtux
żeffen ilwienu kif dejjem għamlet dik it-tifla
tistaqsihx fejn ġarrni